MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 335/2007

**Maria Carmela mart Carmel Dimech**

***kontra***

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti –**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fit-23 ta’ Marzu 2007 li jaqra hekk -

*Premess illi l-attrici twieldet fis-6 ta’ Marzu tas-sena 1958, f’34, Triq Prince of Wales, f’Tas-Sliema ;*

*Premess illi c-certifikat tat-twelid tal-attrici mahrug mir-Registru Pubbliku ta’ Malta bin-numru ta’ iskrizzjoni 2179/1958 (certifikat tat-twelid anness Dok. A) fih diversi zbalji ;*

*Premess illi fil-fatt fic-certifikat tat-twelid isem l-attrici u l-isem li bih kellha tigi msejha gie erroneament indikat bhala 'Carmen' mentri dan l-isem kellu kull darba jigi ndikat bhala 'Maria Carmela' li twieldet fis-6 ta' Marzu 1958 fid-09.00 ta' filghodu ;*

*Premess illi fil-fatt isem u kunjom missier l-attrici gew erroneament indikati bhala 'Joseph Caruana Medati' mentri dawn kellhom jigu indikati bhala 'Giuseppe Medati' u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu u dak ta' zewgha Giuseppe Medati li twieled fit-22 ta' Gunju 1925 (certifikati tat-twelid annessi Dok. A u Dok. B) ;*

*Ghaldaqstant u in vista tal-premessi l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti Maria Carmela Dimech minflok Carmen Caruana Medati li twieldet 6 ta' Marzu 1958 fid-09.00 ta' filghodu, liema certifikat jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2179/1958 fis-sens illi isimha jigi indikat bhala 'Maria Carmela' u isem u kunjom missier ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala 'Giuseppe Medati' minflok Joseph Caruana Medati li twieled fit-22 ta' Gunju 1925, kif ukoll isem u kunjom omm ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala 'Carmela wife of the said Giuseppe Medati' minflok 'Carmen wife of the said Joseph Caruana Medati' li twieldet fit-22 ta' Lulju 1926.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-attrici u l-elenku tad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-intimat presentata fid-19 ta' April 2007 li taqra hekk -

*1. Illi r-rikorrenti tehtieg illi tespecifika ai termini ta' l-Artikolu 253 (3) tal-Kap. 16 l-atti kollha ta' l-istat civili fejn irid jigi rifless tali tibdil u dan b'indikazzjoni tan-numru ta' l-att u s-sena relattiva ;*

*2. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti ;*

*Tant ghandu l-esponenti x'jecepixxi ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-konvenut u l-elenku tad-dokumenti li kienu annessi mar-risposta mahlufa.

**Qieset** il-provi li ressqu l-partijiet, in partikolari x-xhieda li nstemghu u d-dokumenti prodotti.

**Semghet** it- trattazzjoni bil-fomm.

**Rat** l-atti tal-kawza fl-assjem taghhom.

**Rat** id-digriet taghha tal-15 ta' Dicembru 2009 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat -**

Biex issehh bidla f'Atti ta' Stat Civili, il-ligi trid li dik il-bidla ssir kemm ghall-beneficcju tal-persuna li tkun trid il-bidla, u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u huwa fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghall-korrezzjoni jew annotazzjonijiet f'atti bhal dawk.

It-talba attrici qed issir fit-termini tal-Art.253 et seq tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat –**

**Ghar-rigward tal-ewwel talba attrici,** din il-Qorti tghid li r-rikorrenti qed tagixxi sabiex *inter alia* c-Certifikat tat-Twelid taghha, li jgib in-numru progressiv 2179 tas-sena

1958 (fol 13) jigi korrett fis-sens li isimha jigi indikat bhala Maria Carmela minflok *Carmen*.

Ir-rikorrenti tghid li hemm zball fic-certifikat tat-twelid in kwistjoni ghax isimha kien bi zball indikat bhala *Carmen* meta kellu jkun indikat bhala *Maria Carmela*.

L-ewwel Certifikat tat-Twelid rilaxxjat fir-rigward tar-rikorrenti huwa dak tal-1 ta’ April 1958. Il-persuna li kien ghamel id-dikjarazzjoni kien missier ir-rikorrenti, u isem ir-rikorrenti kien indikat bhala *Carmen* li twieldet fis-6 ta’ Marzu 1958.

Din il-Qorti trid tghid li bhala fatt barra min-normal [ghax hekk irrizulta] l-attrici tippossjedi zewg certifikati tal-Att tat-Twelid. Dan qed jinghad mhux ghax hemm dubbju dwar il-*buona fede* tal-attrici izda semplicement bhala stat ta’ fatt.

It-tieni certifikat (a fol 37) igib numru progressiv 2959/1970 (Dok A) u kien mahrug fit-3 ta’ Awissu 1970. Il-karta tal-identita’ li tikkorrispondi ma’ dan ic-certifikat tat-twelid iggib in-numru 295970(M).

Id-dikjaranti fuq dan it-tieni c-certfikat hija “*Carmela wife of the said Joseph Medati. The mother”* u omm ir-rikorrenti ffirmat dan L-Att ta’ Twelid bil-kliem - *C. Medati*. L-isem li kien moghti lir- rikorrenti minn ommha f’dan ic-certifikat kien *Carmela (Maria Carmela).*

Din il-Qorti tosserva li dan it-tieni c-Certifikat tat-Twelid kellu markat bl-ahmar li :*“copies to be issued from AB 2179/1958”* u dan b’referenza ghall-ewwel certifikat tat-twelid li kien rilaxxjat fir-rigward tar-rikorrenti.

F’dan il-kuntest, ix-xhud Peter Barbara, dwar dan ic-certifikat, xehed hekk - *Hemm ordni li meta jkun hemm zewg certifikati, it- tieni wiehed ma johorgux kopji tieghu.*

Dwar l-ewwel talba, kien korrettement rilevat mill-intimat waqt it-trattazzjoni (permezz tad-difensur tieghu) li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova la li sar zball f’dan il-kaz

u lanqas li r-rikorrenti kienet maghrufa bl-isem ta' *Maria Carmela*.

Ghandu jitqies li talba ta' din ix-xorta tista' tkun akkolta mhux biss jekk jirrizulta zball fl-att, izda ukoll abbazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna ("**Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** **-** Qorti ta' l-Appell - 2 ta' Marzu 1994.)

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Ian Abdilla xehed hekk (a fol. 43) *-b'dan ic- certifikat jiena kont gejt spjegat lili li s-Sinjura kien jisimha Carmen Caruana Medati.*

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti trid tghid li ghalkemm persuna ghandha l-ghazla u l-liberta' li ssejjah lilha nnfisha kif trid, dak ma jfissirx li bilfors dak l-isem ghandu jigi accettat bhala isem registrabbli. Ghalhekk il-fatt li Maria Carmela kienet imsejha u maghrufa bl-isem *Maria Carmela* ma ghandux ifisser b'daqstant li ghandha dritt tibdel u tikkorregi isimha mill-mod kif jirrizulta registrat fl-Att Civili.

**Ikkunsidrat –**

**Ghar-rigward tat-tieni talba attrici,** li hija talba ghal korrezzjoni fis-sens illi isem u kunjom missier ir-rikorrenti ghandhom jigu indikati bhala *Giuseppe Medati* minflok *Joseph Caruana Medati*, kif hemm allegatament kien erroneament indikat fl-Att tat-Twelid tar- rikorrenti Nru. 2179/1958.

Waqt it-trattazzjoni, l-intimat (permezz tad-difensur tieghu) accetta li f'dan ir-rigward ir-rikorrenti kellha ragun tressaq dik it-talba, peress illi minn esami tac-certifikat tat-twelid ta' missier ir- rikorrenti li ghandu n-numru ta' l-iskrizzjoni 4494/1925, jirrizulta li l-isem tal-missier huwa *Giuseppe* u li l-kunjom huwa *Medati*. Il- persuna li ghamel id-dikjarazzjoni kien Igino Medati, missieru u allura n-nannu tar-rikorrenti. Il-mara ta' Igino Medati hija ukoll indikata bhalha "*Maria Anna moglie del Detto Igino Medati".*

Il-Qorti wkoll tghid li hekk jirrizulta. Tant li fit-tieni Att tat-Twelid tar-rikorrenti il-kunjom indikat mid-dikjarant huwa *Medati.*

Ghalhekk f'dak il-kaz it-talba ghal bdil fil-kunjom ghandha tkun akkolta ghax l-izball huwa evidenti mill-atti.

**Ikkunsidrat –**

**<u>Fit-tielet talba</u>** taghha, ir-rikorrenti tghid li isem u kunjom ommha ghandhom jigu indikati bhalha '*<u>Carmela</u> wife of the said Giuseppe <u>Medati</u>'* minflok *'Carmen wife of the said Joseph Caruana Medati'* kif hemm indikat fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti 2179/58. Tallega li isem ommha (fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti) kellu jitnizzel *<u>Carmela</u>* u mhux Carmen, u l-kunjom taghha kellu jkun *<u>Medati</u>* u mhux Caruana Medati. Issa DOK CFS1 hu vera kopja ta' l-Att tat-Twelid ta' omm ir-rikorrenti u jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4693 tas-sena 1926. Dak id-dokument kien prezentat mid-Direttur tar- Registru Pubbliku u minnu jirrizulta kjarament li isem omm ir-rikorrenti huwa fil-verita' *<u>Carmela</u>* u mhux Carmen kif jidher fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti numru 2179 tas-sena 1958. Il-kunjom ukoll kellu jkun ukoll *<u>Medati</u>* u mhux Caruana Medati. Fit-tieni certifikat tat-twelid tar-rikorrenti, omm ir-rikorrenti fil-fatt iffirmat 'C. Medati'. Ghalhekk din it-talba tar-rikorrenti hija fondata u ghandha tkun akkolta kif del resto accetta l-konvenut.

**Ikkunsidrat –**

Dwar it-tieni u t-tielet talbiet attrici, li qed jigu milqugha ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tghid li jirrizulta li kien proprju missier ir-rikorrenti stess li rregistra t-twelid taghha u ffirma l-Att tat-Twelid originali, u ghalhekk kien fid-dmir tieghu li qabel jiffirma l-att jaccerta li l-kontenut kien korrett. L-istess missier tar-rikorrenti iffirma wkoll bil-kunjom *Caruana Medati*. Ghalhekk il-Qorti ssib li dawn l-izbalji mhmiex imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-konvenut.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tichad l-ewwel talba attrici, tilqa’ t-tieni u t-tielet talbiet attrici, bl-ispejjez jibqghu a kariku tal-attrici, u tordna li, ghall-finijiet tal-Art. 256 tal- Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Registratur ighaddi vera kopja ta’ din is-sentenza lill-konvenut sabiex, fi zmien ghaxart ijiem mid-data li fiha din is-sentenza tghaddi in gudikat, dan jaghmel il-bidliet u korrezzjonijiet kollha ordnati bis-sahha ta’ din is-sentenza, kif ukoll jaghmel riferenza ghal din is-sentenza b’annotazzjoni fil-genb tar-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------